MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## AARON BUGEJA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Numru. 1241/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**Vs**
**Massimo Tivisini**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 18 ta’ Dicembru, 2013 fil-konfront ta` Massimo Tivisini ta’ 45 sena, bin Paolo u Rosaria Grazia nee’ Corso imwieled fil-5 ta’ Dicembru, 1968 u li joqghod f’52, Benrus Buildings, Flat 1, Triq in-Naxxar, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita’ 228393M.

L-imputat akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer, fit-2 ta’ Lulju, 2013 u fix-xhur u fil-jiem ta’ qabel u wara din id-data, b’diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda.

Fit-2 ta’ Lulju, 2013 ghall-habta tal-23:30 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data  gewwa Hal Qori u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-1 ta’ Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fis-26 ta’ Gunju, 2013 ghall-habta tas-22:30 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fil-25 ta’ Gunju, 2013 ghall-habta tas-18:30 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fit-30 ta’ Lulju, 2013 ghall-habta tat-00.20 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.
Fl-24 ta’ Gunju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-23 ta’ Gunju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod

illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fit-21 ta' Gunju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fis-16 ta' Gunju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-4 ta' Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fil-5 ta' Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fis-6 ta' Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fis-7 ta' Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu

kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fit-8 ta' Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fil-11 ta' Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fit-12 ta' Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-14 ta' Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fil-15 ta' Lulju, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-24 ta' Awissu, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fis-6 ta’ Awissu, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-10 ta’ Awissu, 2013 u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-14 ta’ Awissu, 2013 ghall-habta ta’ 13:00 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fil-15 ta’ Awissu, 2013 ghall-habta ta’ 19:30 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fil-15 ta’ Awissu, 2013 ghall-habta tas-19:30 hrs gewwa Hal Qori u f’dawn il-gzejjer ingurja u/jew ghedded lil Eleonora Camilleri.

Fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq vettura b’mod traskurat u perikoluz.

Fit-2 ta’ Awissu, 2013 ghall-habta tal-23:30 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fil-31 ta’ Awissu, 2013 ghal habta tat-00:20 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq vettura  b’mod traskurat u perikoluz.

Fl-14 ta’ Settembru, 2013 ghal habta tat-19:45 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u liema hsara tammonta ghal aktar minn 116.47 euro imma inqas minn 1164.69 euro ghad-detriment ta’ Elenora Camilleri.

Fit-2 ta’ Dicembru, 2013 ghall-habta tat-22:30 hrs u fix-xhur u l-jiem ta’ qabel din id-data gewwa Hal Qormi u f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’mod illi ta fastidju lil Elenora Camilleri meta hu kien jaf jew missu kien jaf illi l-ghagir tieghu kien qed johloq fastidju lil Elenora Camilleri.

Fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser ordni imposta fuqu mill-Qorti bi ksur tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 u cioe’ ordni ta’ protezzjoni fil-konfront ta’ Elenora Camilleri ghall-tlett snin, imposta fuqu nhar it-22 ta’ Frar, 2013.

Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikolu 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa gia gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

F’kaz ta’ htija, l-Prosekuzzjoni titlob ukoll li tinhareg ordni ta’ protezzjoni fil-konfront ta’ Elenora Camilleri fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9.

F’kaz ta’ htija, l-Prosekuzzjoni titlob lil din il-Qorti tissospendi lil imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul l-ewwel udjenza, l-imputat, minkejja li gie moghti d-dritt li jkun assistit minn Avukat jew Prokuratur Legali, huwa rrinunzja li jkun assistit; izda matul it-tieni udjenza huwa talab li jkun assistit minn Avukat tal-Ghajnuna Legali. Il-Qorti laqghet din it-talba u hatret lil Dr. Patrick Valentino.

Rat li matul il-kors tal-ezami tieghu skont l-Artikolu 392 u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputat wiegeb li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 29 li permezz tieghu iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat sommarjament.

Il-Qorti rat li matul is-seduta tat-28 ta’ Dicembru 2013 wara li xehdet il-parte civile Eleonora Camilleri, l-imputat stqarr li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Anzi zied jghid ukoll li huwa kien lest li jirrizarcixxi d-danni kagunati lil Eleonor Camilleri hekk kif ikun hareg mill-Facilita Korrettiva ta’ Kordin.

Il-Qorti wara li spjegat u wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba, u tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jerga’ lura minnha. Fil-fatt peress li matul dik is-seduta ma kienx assistit minn Avukat, il-Qorti akkordat differiment sabiex l-istess imputat ikun ikkonsulta mal-Avukat Patrick Valentino qabel ma jwiegeb jekk kienx qieghed jerga’ lura mill-ammissjoni registrata jew jekk itennihiex.

Il-Qorti rat ukoll li matul is-seduta tal-10 ta’ Jannar 2014, l-imputat debitament assistit minn Dr. Patrick Valentino tenna l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu ghal-htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha kontestati lilu.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi l-Qorti wara li rregistrat din id-decizjoni tal-imputat li jtenni l-ammissjoni tieghu f’dawn l-atti tqis li fid-dawl tal-ammissjoni registrata minnu b`mod inkondizzjonat u fic-

cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz, l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati u b’hekk m`ghandhiex alternattiva ghajr hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi minbarra dan, din il-Qorti kellha wkoll l-okkazjoni li tara u tisma’ lil Eleonora Camilleri tixhed u tispjega l-mod kif l-imputat gab ruhu f’dawn id-diversi episodji imsemmija fil-komparixxi. Spjegat kif thossa fastidjata b’dan l-agir tal-imputat li issa jmur lura ghal madwar sitt snin shah. Spjegat kif dan il-kaz huwa bazat fuq fatti li sehhew hekk kif l-imputat kien ghadu kif skonta sentenza ohra fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin konsegwenti sejbien ta’ htija li kkaguna fastidju lilha fi Frar 2013! Matul it-trattazzjoni tal-kaz l-Abbli Avukat tal-parte civile Dr. Yanika Camilleri stqarret li dan huwa kaz serju ta’ fastidju ripetut li kien qieghed jaghmel hsara irriparabbli lill-vitma inermi Eleonora Camilleri. Hija tenniet li f’dan il-kaz ghandu jinghata piena karcerarja flimkien ma trattament biex forsi jeghleb il-problemi li ghandu. Biss stqarret il-biza tal-assistita taghha li hekk kif ikun barra hija kienet konvinta li kien sejjer jerga jmur jiffastidjaha tant kienet kbira l-fissazjoni li ghandu biex imur ikellimha u jipprova jikkonvinciha biex terga lura mieghu.

Apparti minn hekk l-imputat, minkejja li gie mwissi diversi drabi bid-dritt tieghu li jzomm sieket, tkellem waqt l-udjenzi, ghalkemm mhux taht gurament, fejn huwa tenna li kull ma kien jaghmel huwa li jipprova jkellem lill-parte civile biex ikun jista jghidilha xi jhoss u li jipprova jikkonvinciha terga lura mieghu. L-imputat tenna li huwa lill-Eleonora Camilleri jhobbha u li ebda hadd u xejn ma kellhom is-setgha li jzommuh jew iwaqfuh milli jhobbha. Il-Qorti fehmet li ried ifisser li ghalkemm kellha gurisdizzjoni fuqu, ma setgha qatt ikollha gurisdizzjoni fuq qalbu. Izda stqarr li huwa fehem li lil min thobbu trid thallih fil-liberta u li ma kienx sejjer idejjaq iktar lill-Eleonora Camilleri. Matul il-kors tat-trattazzjoni l-Abbli Avukat difensur stqarr li dan ma kienx kaz li kien jimmerita prigunerija ghaliex kif il-passat wera minkejja li kien inkarcerat diversi drabi l-problema baqghet hemm. L-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna ta’ nies professjonali

biex johrog minn din il-problema kbira li ghandu. Anzi tenna li apparti l-fatt li l-ammissjoni inkondizzjonata li kien irregistra l-imputat ma kienetx konsiljata lilu, l-agir tieghu ma kienx jissubentra fil-parametri tar-reat ta’ fastidju kif ukoll ma kienx legalment sostenibbli li jigi misjub hati tar-reat ta’ sewqan traskurat jew perikoluz. L-imputat kellu jinstab hati minhabba li ammetta l-imputazzjonijiet izda ma kellhiex tigi erogata piena karcerarja kontra tieghu.

Ikkunsirdat : -

Mill-provi prodotti johrog carissimu li l-imputat ghandu diffikulta biex jifhem id-distinzjoni bejn li thobb persuna u tkun ossessjonat b’dik il-persuna. F’dan il-kaz il-Qorti tqis il-komportament tal-imputat bhala wiehed li jikkwalifika t-tifsira ta’ fastidju skont il-Ligi. Din mhix l-unika Qorti li tqis dan l-agir hekk tant li mill-provi prodotti jirrizulta pruvat li l-imputat ikkommetta delitti kontra l-parte civile prezenti li gew sanzjonati almenu bi tliet sentenzi separati. Jirrizulta wkoll li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Stante l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu din il-Qorti mhix ser tiddelunga wisq fuq ir-reati per se. Biss fic-cirkostanzi ma tistax ma tikkummentax dwar il-fatt li l-imputat, minkejja d-diversi twissijiet u sentenzi, anke karcerarji li gew inflitti fuqu, ma gharafx jitghallem mill-esperjenzi tieghu. Jirrizulta m’mod lampanti li l-imputat baqgha jippersisti fl-izball li jiffastidja lill-Eleonora Camilleri. Anzi hekk kif skont sentenza ta’ prigunerija f’Gunju tas-sena l-ohra reggha kkommetta l-istess reati li ghalihom kien gie sentenzjat ftit xhur qabel. Jidher aktar minn car li l-imputat ghandu problema biex jifhem li l-imgieba tieghu fil-konfront ta’ Eleonora Camilleri hija hazina ghaliha u hazina ghalih. Inghata aktar minn cans wiehed biex jigi mghejjun minn profesjonisti u biex jghin ruhu. U hekk minflok ghen lilu nnifsu, reggha tefa’ lilu nnifsu f’bahar ta’ nkwiet guridiku. Apparti li f’dan il-kaz wahdu gew ammessi xejn anqas minn tmienja u ghoxrin episodju ta’ fastidju f’temp ta’ ftit gimghat, wiehed ma jistax jinsa li ftit xhur qabel, din il-Qorti diversament

presjeduta fis-sentenza taghha fl-istess ismijiet datata 22 ta’ Frar 2013 kienet tenniet is-segwenti fil-prezenza tal-imputat : -

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta illi huwa gia inghatat diversi sentenzi minn din il-Qorti diversament preseduta talli ta fastidju lill-istess kwerelanta odjerna. Wara li rat illi l-imputat ghalhekk ghandu ma fehemx l-gravita’ tas-sitwazzjoni fejn qieghed jittortura lill-kwerelanta bil-fissazzjoni tieghu lejha, liema fisazzjoni mhix wahda reciproka;

Il-kliem uzati “jittortura lill-kwerelanta bil-fissazzjoni tieghu lejha” sintetikament jirriflettu l-kefrija tal-ghagir tal-imputat fil-konfront ta’ dik il-persuna li huwa suppost ihobb! Dan l-agir, bid-dovut rispett, huwa wiehed kriminali u jekk dan il-fatt l-imputat ghadu ma fehmux, wasal iz-zmien li huwa jipprova jifhmu.

Biss anke l-Qorti tal-Appell Kriminali, f’kaz li kien jinvolvi precizament lill-imputat, u ghal darb’ohra kaz ibbazat fuq fastidju rekat lill-istess vittma Eleonora Camilleri, l-Imhallef Joseph Galea Debono kien, ghal darb’ohra fil-prezenza tal-imputat, nhar is-27 ta’ Frar 2009 tenna s-segwenti : -

Li meta wiehed umbaghad iqis il-kondotta refrattarja tal-appellant fir-rigward anki ta' reati kontinwati ta' serq aggravat, ricettazzjoni, w anki li kkaguna feriti gravi lil terza persuna f' okkazzjoinijiet ohra, jidher li Eleonora Camilleri kellha kull raguni li tkun apprensiva bil-persistenza ossessiva tal-appellant li akkost ta' kollox baqa' jinsisti li javvicinha w jmur wara biebha w li tibza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha.

Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "*Harassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-
"*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in*

*isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-
*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Mejqus b' dan il-mod altru li jirrizulta l-element ta' ripetizzjoni w tal-persistenza f' dan il-kaz, kemm fid-diversi incidenti li ssuccedew wara xulxin fl-1 ta' Settembru, 2008, kif ukoll fl-isfond tal-incidenti precedenti .

Ikkonsidrat;

Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz *"harassment*") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) ( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' : ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna….

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-

test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *"harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tarreat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.

F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew *harassment* hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz *"stalking*". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "*patterns of behaviour".* Jezistu per ezempju kazijiet ta' ***"rejected stalkers"*** fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-*"rejection*" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' *"resentful stalkers"* li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-*"intimacy seekers"* li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta' mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-*"erotomanic stalkers"* li jemmnu li lvittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom.
Tip iehor ta' *stalker* hu dak tal-"*incompetent suitor"* li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta' inadekwatezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal-*"predatory stalker"* li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta' xi tip ta' attakk sesswali.

Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.

Illi mix-xiehda ta' Camilleri kif gja intqal jirrizulta wkoll li dawn l-incidenti tal-1 ta' Settembru, 2008 ma kienux ta' darba jew kaz izolat imma kienu preceduti minn ohrajn

fejn l-appellant sahansitra kien processat u nstab hati ta' sekwestru w fastidju fil-konfront ta' Camilleri. Minkejja l-kundanni li ssubixxa, jidher li l-appellant ftit li xejn ta widen ghall-provvedimenti ta' sentenzi sospizi w garanzija imposti fuqu biex ma jkomplix jaghmel dan. Dan hu kaz klassiku ta' *"rejected stalker"* u dan hu proprju l-agir li fil-fehma ta' din il-Qorti, trid tipprojbixxi w tippunixxi l-ligi bl-artikoli l-godda fuq imsemmija introdotti fil-Kodici Kriminali bl-Att XX tal-2005.

Ghalkemm l-appellant fir-rikors tal-appell jissottometti li hi haga naturali li hu jitlob spjegazzjoni minnghand l-ex amanti tieghu talli hallietu, din il-Qorti ma tistax - f' dan il-kaz - tissimpatizza b' xi mod ma din it-tezi tal-appellant li hass ruhu "jilted", dizappuntat,jew dizilluz u mwegga' bl-agir tal-ex-amanti tieghu. Dan hu ragel matur ta' erbghin sena, mizzewweg u b' mara tigri warajh ghallmanteniment - kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu - wmhux xi guvni ta' eta' tenera mimli bl-ideali w illuzjonijiet giovanili dwar l-imhabba. Ghalhekk ma tistax ma tqisx li l-agir tieghu kien jikkostitwixxi fastidju fis-sens tal-ligi.

Dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'kaz li fih kien appellant l-imputat odjern stess, bir-rispett kollu jinnewtralizza l-argumenti tad-difiza f'dan il-kaz. Ghalkemm huwa minnu li din il-Qorti trid tipprovdi opportunita biex l-imputat jigi mghejjun professjonalment, tali ghajnuna trid bilfors tkun korrisposta bir-rieda soda tal-imputat li jghin lilu nnifsu. Minn dak li ghandha quddiemha din il-Qorti ma jidhirx li l-imputat, almenu s'issa, ghamel dan.

Ghalhekk kwantu ghall-piena li ghandha tigi inflitta din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li minhabba li l-imputat huwa arci-refrattarju u pluri-recidiv, tenut kont ukoll li r-reati ammessi gew kwalifikati bir-reat kontinwat imputat lilu l-piena karcerarja fil-massimu taghha kienet tammonta ghal aktar minn hamsin xahar prigunerija. Dan wara li jigi kunsidrat li huwa gie mixli (u ammetta) li kkommetta xejn anqas minn 28 episodju ta' fastidju, zewgt imputazzjonijiet ta' sewqan traskurat u perikoluz, episodju ta' theddid u ingurji, nonche hsara volontarja fuq proprjeta tal-vitma u

ksur tal-ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Izda hadet ukoll konjizzjoni tal-fatt li l-imputat, fil-Qorti bil-miftuh stqarr li huwa ried jibdel l-atteggjament tieghu lejn Eleonora Camilleri u li ried jirrizarcixxi lill-Camilleri ghad-danni subiti minnha b’eghmilu kif ukoll stqarr li kien irid li jigi mghejjun minn psikjatra tant li kien diga attenda xi appuntamenti ghand il-psikjatra tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin.  Dawn il-fatturi, ghalkemm jimmitigaw ftit mill-piena u waslu lill-Qorti li tiehu in konsiderazzjoni r-reat kontinwat fir-rigward tal-episodji tal-fastidu (ghalkemm mhux ukoll fir-rigward tar-reati l-ohrajn) ma humiex bizzejjed biex jinnewtralizzaw l-imposizzjoni ta’ piena karcerarja f’dan il-kaz, ghalkemm mhux fil-massimu taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 251A, 339(1)(e), 382A, 412C, 412D u 532A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, nonche l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq l-ammissjoni tieghu stess, qieghda ssib lill-imputat Massimo Tivisini, recidiv f’delitti permezz ta’ sentenzi irrevokabbli, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah : -

(a) ghal piena ta’ tletin (30) xahar komplessivi ta’ prigunerija kif ukoll in vista tas-sejbien ta’ htija fir-rigward taz-zewgt imputazzjonijiet ta’ sewqan traskurat u perikoluz ghas-sospensjoni tal-licenza tas-sewqan ghal zmien sena;

(b) minbarra dan wara li rat l-Artikoli 412C u 382A tal-Kodici Kriminali tordna li jinhareg ordni ta’ protezzjoni u trazzin kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digrieti li qed jigu annessi ma’ din is-sentenza, liema ordni qeghda ssir ghal perjodu ta’ tliet snin li jibdew ghaddejjin mid-data ta’ meta l-imputat ikun skonta l-piena karcerarja hawn fuq imsemmija;

(c) inoltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-Massimo Tivisini taht ordni ta’ trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jigi anness ma din is-sentenza, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta’ ghoxrin (20) xahar u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex jipprovdi

dik l-assistenza kollha mehtiega lil Massimo Tivisini sabiex din l-ordni ta' trattament tkun tista tigi segwita u imwetqa mill-istess hati b'success;

(d) u wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara lil Massimo Tivisi responsabbli ghad-danni subiti minn Eleonora Camilleri fil-vettura misjuqa minnha tal-marka Toyota Ractis bin-numri tar-registrazzjoni BBX 396 u tikkundannah sabiex ihallasha s-somma ta' mija tlieta u hamsin euro u erbghin centezmu (Euro153.40) liema ammont jirraprezenta l-hlas effettwat minn Eleonora Camilleri sabiex irrangat il-hsara kagunata minn Massimo Tivisini fil-vettura tal-marka Toyota Ractis bin-numri tar-registrazzjoni BBX 396 u ghalhekk b'kumpens ghat-telfien soffert minnha skont il-ligi, ben intiz li dan l-ordni ta' hlas ma ghandu bl-ebda mod jidderoga mid-dritt ta' Eleonora Camilleri milli tirreklama kull ammont iehor minghand Massimo Tivisini ghal danni kagunati lilha naxxenti minn dan l-incident jew xort'ohra.

(e) Ghal kull buon fini l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaccja fil-kaz li huwa ma jottemperax ruhu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordnijiet hawn fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------